# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 89/2021: **VIRTUS ADVISORS LTD (C66454) V. THE DAILY FANTASY FOOTBALL COMPANY LTD (C76602)**

(AMMONT DOVUT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Virtus Advisors Ltd (C66454)[1] ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir - rikorrenti") ippreżentat fl-14 ta' April 2021 li permezz tiegħu talbet lil The Daily Fantasy Football Company Ltd (C76602) ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti li tħallasha s-somma ta' tmient elef euro (€ 8,000) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi reżi lilha fuq inkarigu tagħha stess, kif jidher minn skrittura datata 30 ta' Marzu 2019, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 33/2021 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali,

wara li rat li minkejja li ġiet debitament notifikata l-kumpanija intimata naqset milli tintavola risposta,

wara li rat l-atti kollha proċesswali inkluż l-affidavit ta' Beppe Muscat ippreżentat fl-24 ta' Frar 2023[2],

wara li rat li fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2023 il-kumpanija intimata naqset milli tressaq provi minkejja li s-seduta kienet riservata għall-provi tagħha u b'hekk il-Qorti ddikjarat magħluq l-istadju tal-provi tagħha,

qed tagħti din is-

[1] Fol 1-3
[2] Fol 40-41

## Sentenza

1. Mill-affidavit maħluf ta' **Beppe Muscat,** direttur tal-kumpanija rikorrenti, ippreżentat fl-24 ta' Frar 2023[3] jirriżulta illi l-intimata hija waħda fost numru ta' kumpaniji klijenti li għandha r-rikorrenti. Skond l-istess xhud, l-intimata għandha kont pendenti ta' € 8,000 rappreżentanti prezz ta' servizzi reżi lilha mir-rikorrenti. Dan l-ammont għadu dovut sal-ġurnata tal-lum.

2. Il-ftehim anness mar-rikors promotur esebit a fol 2-3 tal-proċess juri ukoll illi fit-30 ta' Marzu 2019 l-intimat kienet qed tirrikonoxxi dan l-ammont dovut u filfatt kienet intrabtet li tirrifondi lura din is-somma f'pagamenti skedati sa' mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019. Minn din is-somma però ma tħallasx xejn.

3. Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2023 meta l-kumpanija intimata kellha tressaq il-provi tagħha hija naqset milli tidher u milli tagħmel dan u b'hekk il-Qorti ddikjarat magħluq l-istadju tal-provi tagħha.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' tmient elef euro (€ 8,000) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi reżi lilha fuq inkarigu tagħha stess u tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kif mitlub. Fir-rigward tal-ispejjeż kif mitluba dawn jkunu a karigu tal-kumpanija intimata.**

**V.G. Axiak** — **Maġistrat**

**Y.M. Pace** — **Dep. Reġistratur**

[3] Fol 40-41